

# Nifirħu lil…

- L-Onorevoli Ministru Dr Michael Farrugia M.D. M.P., l-Onorevoli Membru Parlamentari Clayton Bartolo M.P., l-Onorevoli Membru Parlamentari Robert Cutajar M.P., u l-Imħallef Dr Joanne Vella Cuschieri, li b'deċiżjoni unanima tal-Kumitat Direttiv ġew maħtura Membri Onorarji tal-Għaqda Mużikali Imperial b'turija ta' apprezzament għax-xogħol fejjiedi tagħhom fl-ogħla istituzzjonijiet tal-Istat Malti li jagħti unur lir-raħal tagħna l-Mellieħa, u għall-ħidma tagħhom b'mod partikolari b'risq l-għaqdiet kollha Melleħin u r-residenti tal-Mellieħa.
- Il-Kunsill Lokali Mellieħa fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tiegħu.
- Is-Sur Dario Vella li ġie elett Sindku tal-Mellieħa u lill-Kunsilliera John Buttigieg, Ivan Castillo, Rebecca Bartolo Cutajar, Marvin Abela, Annabelle Brincat Stellini, Gabriel Micallef, Kurt Buttigieg u Emvin Bartolo li ġew eletti fit-Tmien Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- Is-Sur Carmel Debono, is-Sur Michael Buttigieg, is-Sur Patrick Cutajar, is-Sur Hilary Fenech li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa.
- Is-Sinjura Andreana Borg, is-Sur Joseph Fenech, l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa, Dr Joseph Matthew Attard u s-Sur Joseph Gauci li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa.
- Is-Sur Jimmy Sammut li ngħata l-Onorefiċenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.
- Is-Surmast Ryan Mallia li laħaq id-Direttur Mużikali tas-Soċjetà Filarmonica La Vittoria u s-Surmast Michael Bonanno li laħaq id-Direttur Mużikali tal-Kor u Orkestra Maria Bambina.
- L-Imħallef Dr Joanne Vella Cuschieri li ġiet maħtura biex isservi bħala Mħallef fil-Qorti ta' Malta.
- Steven Fenech u Sarah Farrugia li kklassifikaw fl-ewwel post fil-Manchester Grand Prix u l-Manhatten Cup Latin American Combi li saret ġewwa Frankfurt il-Ġermanja, fit-tieni post fid-Danish Latin American Combi, Wheelchair Dance World Cup u fit-tielet post fil-Holland Dans Spektakel.
- Alex Borg li rebaħ il-finali tal-Attrans Snooker Malta Open, il-finali tal-Malta Billiards and Snooker Association u ġie kklassifikat bħala ċ-Champion tal-Masters tal-Isnooker.
- Antonia Micallef, ġurnalista Melleħija tal-PBS, li rebħet l-ewwel premju fil-kategorija "Ġurnaliżmu Mxandar – Skript Televiżiv – Aħbarijiet" fit-29 edizzjoni tal-*awards* tal-ġurnalisti li jingħataw mill-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin.
- Lil dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess għal dak kollu li ħadmu għalih.


